

Brussell, 17 ta' Diċembru 2025  
(OR. en)

16963/25

ECOFIN 1765  
UEM 642  
FIN 1567  
*ECB*  
*EIB*

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Diċembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 8900 final
Suġġett:	DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI ta'15.12.2025 li tistabbilixxi l-qafas għal operazzjonijiet ta' teħid b'self, dejn u ġestjoni tal-likwidità tal-Unjoni fl-2026 skont l-istrategġija ta' finanzjament diversifikata

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 8900 final.

Mehmuż: C(2025) 8900 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 15.12.2025  
C(2025) 8900 final

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

**ta'15.12.2025**

**li tistabilixxi l-qafas għal operazzjonijiet ta' teħid b'self, dejn u ġestjoni tal-likwidità tal-Unjoni fl-2026 skont l-istrateġija ta' finanzjament diversifikata**

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta'15.12.2025

### li tistabbilixxi l-qafas għal operazzjonijiet ta' teħid b'self, dejn u ġestjoni tal-likwidità tal-Unjoni fl-2026 skont l-istrateġija ta' finanzjament diversifikata

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 224 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1), il-punt (a) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2023/2825<sup>3</sup> jipprevedi l-adozzjoni ta' deċiżjoni qafas dwar it-teħid b'self, id-dejn u l-ġestjoni tal-likwidità li tistabbilixxi ċerti limiti massimi għall-operazzjonijiet ta' teħid b'self u ta' ġestjoni tad-dejn u tagħti l-awtorizzazzjoni għal operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-likwidità, li jistgħu jiġu konklużi matul is-sena kalendarja fl-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' finanzjament diversifikata stabbilita f'konformità mal-Artikolu 224 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Abbażi ta' dan, huwa meħtieġ li tiġi adottata deċiżjoni annwali ta' teħid b'self għall-2026.
- (2) Għall-2026, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-limiti massimi għall-operazzjonijiet ta' teħid b'self u l-operazzjonijiet ta' ġestjoni tad-dejn billi jiġu ddeterminati l-ammonti massimi ta' finanzjament fuq terminu twil u qasir, il-maturità medja tal-finanzjament fuq terminu twil tal-Unjoni u limitu għall-ammont għal kull ħruġ.
- (3) Jenħtieġ li l-ħtiġijiet ta' finanzjament, tul iż-żmien, jiġu ssodisfati permezz tal-ħruġ ta' strumenti ta' finanzjament fuq terminu twil. L-ammont massimu ta' finanzjament fuq terminu twil għall-2026 jenħtieġ li jkun ibbażat fuq l-ammonti tal-iżborżi proġettati kkomunikati mill-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni tal-programm lid-Direttorat Ġenerali għall-Baġit f'konformità mal-Artikolu 5(2) u (3) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE, Euratom) 2023/2825.
- (4) Il-ħtiġijiet ta' finanzjament fl-2026 huma primarjament xprunati mill-iskeda ta' żborżi taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) stabbilita bir-Regolament (UE)

<sup>1</sup> ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>

<sup>2</sup> ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2020/2053/oj>

<sup>3</sup> ĠU L, 2023/2825, 18.12.2023, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec\\_impl/2023/2825/oj](http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2023/2825/oj)

2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup>. Il-ħtiġijiet ta' finanzjament għall-RRF ikkunsidrati għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni jirriflettu l-aħħar ammonti magħrufa fiż-żmien tal-adozzjoni wara l-aħħar reviżjonijiet tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri.

- (5) Il-prefinanzjament u l-finanzjament ulterjuri ta' self taħt l-istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE, Security Action for Europe) se jżidu mal-ħtiġijiet ta' finanzjament fl-2026. Fl-aħħar nett, bonds għal ammont ta' EUR 33 biljun, maħruġa taħt l-istrateġija ta' finanzjament diversifikata mill-2021, se jimmatraw fl-2026 u jeħtieġ li jiġu ffinanzjati mill-ġdid.
- (6) Sabiex tiġi żgurata l-kopertura tal-ħtiġijiet ta' żborż għall-programmi kollha taħt l-istrateġija ta' finanzjament diversifikata, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun biżżejjed ukoll biex tkopri programmi ġodda ta' assistenza finanzjarja li jiġu adottati wara d-dħul fis-seħħ tagħha. Minħabba l-inċertezza dwar l-ammonti finali meħtieġa għall-programmi stabbiliti u biex jiġu indirizzati ħtiġijiet mhux previsti, jeħtieġ li tiġi riflessa riżerva ta' prekawzjoni fil-limiti massimi.
- (7) Flimkien mal-flussi ta' ħruġ, l-ippjanar tal-finanzjament tal-Unjoni fl-2026 jenħtieġ li jqis ukoll il-flussi ta' dħul li jirriżultaw minn ħlas lura bikri tas-self tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM, European Financial Stabilisation Mechanism). Il-bidla reċenti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE, Euratom) 2023/2825 tippermetti lill-Unjoni timplimenta tali ripagamenti bikrija bħala parti mill-istrateġija ta' finanzjament tagħha. Id-Deċiżjoni Annwali ta' Teħid ta' Self attwali tqis il-ħlas lura bikri sa EUR 10 biljun. Dawn l-influssi jistgħu jintużaw biex titnaqqas il-ħtieġa għal ħruġ ġdid ta' dejn biex jiġu ffinanzjati programmi oħra.
- (8) Abbażi ta' dawn il-ħtiġijiet ta' finanzjament ikkombinati, huwa xieraq li jiġi stabbilit l-ammont massimu għall-finanzjament għat-tul fl-2026 fil-livell ta' EUR 200 biljun. Dan l-ammont massimu huwa stabbilit filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet previsti ta' pagament u ta' rifinanzjament fl-2026, b'kunsiderazzjoni għall-ħtiġijiet potenzjali ta' finanzjament li jridu jiġu koperti minn finanzjament fuq terminu qasir. Dak l-ammont jista' jaqbeż b'marġni limitat il-miri ta' finanzjament li se jiġu kkomunikati lis-suq permezz ta' pjanijiet ta' finanzjament ta' sitt xhur. Il-volumi fil-mira kkomunikati permezz ta' dawk il-pjanijiet jirrappreżentaw il-gwida kkunsidrata tal-Kummissjoni lill-investituri dwar il-ħruġ intenzjonat matul perjodu li ġej.
- (9) Sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet kbar ta' finanzjament li jirriżultaw mill-għadd dejjem jikber ta' programmi li jiddependu fuq il-ħruġ ta' Bonds tal-UE għall-finanzjament, il-finanzjament fuq terminu twil jenħtieġ li jiġi kkomplementat minn finanzjament fuq terminu qasir, bħal fis-snin preċedenti u f'livell addizzjonali fl-2026. Minħabba l-inċertezzi li fadal dwar l-ammonti meħtieġa għal xi programmi ta' finanzjament, fl-2026 se jkun hemm dipendenza akbar fuq finanzjament fuq terminu qasir. Il-finanzjament fuq terminu qasir jevita l-kosti tas-servizz tad-dejn fuq terminu twil u għalhekk huwa soluzzjoni ta' finanzjament aktar effiċjenti għall-komponent inċert tal-ħtiġijiet ta' finanzjament, li huwa aktar għoli fl-2026 meta mqabbel mas-snin preċedenti. Madankollu, dipendenza akbar fuq finanzjament fuq terminu qasir iżżid l-esponiment tal-Unjoni għal żidiet fir-rati tal-imgħax u għalhekk jenħtieġ li tintuża biss b'mod tranżitorju u biex tiġi indirizzata l-inċertezza dwar il-ħtiġijiet eventwali ta'

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.02.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>).

finanzjament fit-tul matul is-sena. Jenħtieġ li jiġi ffissat limitu massimu ta' EUR 100 biljun għal kreditu pendenti taħt il-programm ta' Kambjali tal-UE u għodod simili oħra biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' likwidità fuq terminu qasir bħalma huma linji ta' kreditu.

- (10) Minbarra l-ammonti miġbura permezz tal-programm ta' Kambjali tal-UE, jenħtieġ li jiġi stabbilit limitu separat għall-finanzjament fuq terminu qasir miġbur permezz ta' tranżazzjonijiet tas-suq monetarju garantiti (tranżazzjonijiet ta' retroriakkwist biex jipprovdu mezz addizzjonali ta' mobilizzazzjoni tal-likwidità kif meħtieġ). Għalhekk huwa xieraq li jiġi stabbilit ammont pendenti massimu ta' EUR 80 biljun ta' titoli tal-Unjoni biex jinżammu f'isimhom stess u jintużaw biex jinġabar finanzjament temporanju.
- (11) Jenħtieġ li jiġi stabbilit l-ammont pendenti massimu għal kull ħruġ, li jirrifletti r-riskju ta' konċentrazzjoni fil-maturità. Sabiex l-operazzjonijiet ta' finanzjament fuq terminu twil tal-Kummissjoni jintlaqgħu b'mod pożittiv, il-maturità massima għal kull ħruġ jenħtieġ li tkun għolja biżżejjed biex tiffavorixxi l-likwidità tal-bonds maħruġa, sabiex jitnaqqsu l-kostijiet billi jiġi attirat l-interess ta' aktar investituri.
- (12) Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-programm tal-bonds fl-2026, l-ammont massimu għal kull ħruġ jenħtieġ li jiġi stabbilit għal EUR 25 biljun.
- (13) Jenħtieġ li l-maturità medja massima tal-finanzjament fuq terminu twil tiżgura biżżejjed flessibilità fl-implimentazzjoni tal-programmi koperti mill-istrateġija ta' finanzjament diversifikata sabiex tattira d-domanda tal-investituri filwaqt li tirrispetta l-limiti marbuta mal-kapaċitajiet baġitarji biex ikopru l-obbligazzjonijiet kontinġenti. Filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet attwali tas-suq, l-interess mill-investituri fl-ispettru tal-maturità u l-kapaċitajiet baġitarji disponibbli, il-maturità medja massima tal-finanzjament fuq terminu twil fil-ħruġ jenħtieġ li tiġi stabbilita għal 17-il sena.
- (14) Il-bilanċi tal-flus kontanti jistgħu jakkumulaw fil-kont tal-Kummissjoni fil-Bank Ċentrali Ewropew meta l-iżborżi jaqgħu lura mill-iskeda ppjanata u l-pass relatat tal-ħruġ. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tibni bilanċi tal-flus b'mod proattiv sabiex tissodisfa l-ħtiġijiet kbar ta' żborż fuq perjodu estiż. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun awtorizzata tiġġestixxi b'mod attiv kwalunkwe ammont li jaqbeż il-parteeipazzjonijiet prudenzjali ta' flus kontanti, kif definit fl-Artikolu 2(7) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE, Euratom) 2023/2825. Jenħtieġ li l-possibilità li jitwettqu operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-likwidità fl-2026 tkun awtorizzata, sabiex il-likwidità eċċessiva tiġi ġestita b'mod effettiv. Din l-awtorizzazzjoni tippermetti lill-Kummissjoni żżomm pożizzjonijiet miftuħa li jestendu għas-sena kalendarja ta' wara. Dan jenħtieġ li jiġi implimentat abbażi tal-istrateġija ta' ġestjoni tal-likwidità msemmija fl-Artikolu 8(3) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE, Euratom) 2023/2825.

## IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

### *Artikolu uniku*

1. Mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026 il-Kummissjoni għandha timplimenta operazzjonijiet fi ħdan il-qafas u l-limiti li ġejjin:
  - (a) għal finanzjament fuq terminu twil, sa ammont massimu ta' EUR 200 biljun, li jista' jintuża għall-iżborżi taħt programmi ta' assistenza finanzjarja eżistenti kif ukoll għal programmi ta' assistenza finanzjarja li jidħlu fis-seħħ fl-2026;
  - (b) għal finanzjament fuq terminu qasir, sa ammont pendenti massimu ta' EUR 100 biljun fi kreditu pendenti fi kwalunkwe mument partikolari, inkluż mill-ħruġ ta' Kambjali tal-UE u strumenti oħra ta' finanzjament fuq terminu qasir iżda esklużi tranżazzjonijiet ta' riakkwist;
  - (c) għal tranżazzjonijiet ta' riakkwist skont il-paragrafu 4 sa ammont massimu ta' EUR 80 biljun.
2. L-ammont massimu għal kull ħruġ ta' finanzjament fuq terminu twil għandu jkun EUR 25 biljun.
3. Il-maturità medja massima ta' finanzjament fuq terminu twil għandha tkun 17-il sena.
4. L-ammont pendenti massimu ta' ħruġ proprju li jista' jinżamm f'isimhom stess għall-fini tat-twettiq ta' tranżazzjonijiet ta' riakkwist sabiex jiġi appoġġat is-suq sekondarju f'titoli tal-Unjoni jew biex jiġi mobilizzat finanzjament fuq terminu qasir għandu jkun ta' EUR 80 biljun fl-2026.
5. Meta l-ammont fil-kont imsemmi fl-Artikolu 14 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE, Euratom) 2023/2825 jaqbeż l-ammont meħtieġ għar-riżervi prudenzjali ta' flus kontanti kif definit fl-Artikolu 2(7) ta' dik id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tista' timplimenta operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-likwidità f'konformità mal-Artikolu 8 ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni. Dan għandu jippermetti wkoll lill-Kummissjoni timmaniġġja operazzjonijiet ta' likwidità li d-data ta' maturità tagħhom taqa' fis-sena kalendarja ta' wara.

Magħmul fi Brussell, 15.12.2025

*Għall-Kummissjoni  
Piotr SERAFIN  
Membru tal-Kummissjoni*